MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tat-23 ta' Ottubru, 2007

Rikors Numru. 531/2007

**Maltacom plc**

**vs**

**John Baptist Sammut**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikorsipprezentat mis-socjeta' rikorrenti fejn ippremettiet:

Illi l-kawza fl-ismijiet fuq premessi (Citazzjoni Nru 559/98 FGC) giet deciza minn din il-Qorti fl-10 ta' Marzu, 2000, fl-istess kawza l-konvenut kien gie ikkundannat ihallas lill-Maltacom plc is-somma ta' elf, erba' mija, tnejn u sittin Liri Maltin u disgha u tletin centezmu (LM1,462.39 - €3406.45), in konnessjoni mas-servizz telefoniku numru 341703, bl-imghax u bl-ispejjez.

Illi mill-imsemmija somma l-konvenut ghadu ma hallas xejn, u b'hekk l-ammont dovut fil-mument, huwa tas-sorte fuq indikati, oltre mitejn, disgha w ghoxrin Liri Maltin u wiehed u hamsin centezmu (LM229.51 - €534.61) spejjez u drittijiet professjonali skond l-annessa taxxa mmarkata Dokument "A" kif ukoll tmien mija, sitta w ghoxrin Liri Maltin u tlieta u disghin centezmu (LM826.93 - €1926.23), imghax legali kalkolat bit-tmienja fil-mija (8%) fis-sena mill-10 ta' Marzu, 2000, id-data tas-sentenza, sal-10 t' April 2007, u ghalhekk l-ammont dovut lill-esponenti huwa ta' elfejn, hames mija u tmintax-il Lira Maltin u tlieta u tmenin centezmu (LM2,518.83 - €5867.30) salv kull imghax ulterjuri sad-data tal-pagament effettiv.

Illi mid-data tas-sentenza ghaddew aktar minn hames (5) snin u s-socjeta' esponenti ghandha nteress illi tipprocedi permezz tal-mandati opportuni sabiex tigbor l-ammont lilha dovut.

Ghaldaqstant l-esponenti filwaqt illi taghmel referenza ghall-artikolu 258 *et sequitur* tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12) tal-Ligijiet ta' Malta titlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti jogghobha tawtorizzaha tipprocedi bil-mandati opportuni sabiex tesegwixxi s-sentenza fl-ismijiet fuq indikati.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta` rikorrenti u d-dokumenti l-ohra.

Rat li l-intimat notifikat ma pprezentax risposta u lanqas deher ghar-rikors.

Rat li Dr Ingrid Zammit Young ghas-socjeta` rikorrenti kkonfermat bil-gurament il-kontenut tar-rikors u li l-ammont indikat fir-rikors ghadu kollu dovut u li ma thallas xejn fil-mori ta’ dawn il-proceduri;

Illi ghalhekk it-talba tas-socjeta` rikorrenti tirrizulta gustifikata.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi **tilqa' t-talba tas-socjeta` rikorrenti**,

b’dan illi tawtorizzaha tipprocedi bil-mandati opportuni sabiex tesegwixxi s-sentenza datata 10 ta’ Marzu 2000 fl-ismijiet fuq indikati.

Bl-ispejjez kontra l-intimat.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------